



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0257 (NLE)
2023/0260 (NLE)

Brussell, 27 ta' Novembru, 2023
(OR. en)

11670/23
COR 2

LIMITE

COLAC 92
POLCOM 160
SERVICES 37
FDI 24

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Ftehim Qafas Avvanzat bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra

Il-paġna EU/CL/AFA/mt 11 għandha tiġi sostitwita bil-paġna meħmuża.

5. Il-Partijiet jikkonfermaw l-impenn tagħhom għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u għall-ġoti tas-setgħa lin-nisa u lill-bniet.
6. Il-Partijiet jafferimaw mill-ġdid l-appoġġ tagħhom għad-Dikjarazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Popli Indiġeni, adottata fit-13 ta' Settembru 2007, u l-impenji tagħhom li jirrispettaw id-diversità kulturali u jipproteġu d-drittijiet tal-popli indiġeni.
7. Il-Partijiet għandhom jimplementaw dan il-Ftehim fuq il-bażi ta' valuri kondiviżi inklużi l-prinċipji ta' djalogu, ta' rispett reċiproku, ta' sħubija ugwali, ta' multilateraliżmu, ta' kunsens u ta' rispett għad-dritt internazzjonali.

ARTIKOLU 1.3

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim:

- (a) "Ftehim ta' Assoċjazzjoni" tfisser il-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, min-naħa l-oħra, iffirmit fi Brussell fit-18 ta' Novembru 2002;
- (b) "Ftehim Kummerċjali *Interim*" tfisser il-Ftehim *Interim* dwar il-Kummerċ bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika taċ-Ċili, iffirmiti fi ... fi ...⁺;

⁺ Uffiċċju tat-Trattati u l-Ftehimiet tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill: jekk jogħġbok daħħal fit-test il-post u d-data tal-iffirmar tal-ftehim stipulat fid-dokument ST 11668/23.